*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,521, 8 ta' Ottubru, 1997*
*Taqsima C*

# Nru. 38

8. 10. 97

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Leo Brincat, M.P., Ministru tal-Finanzi u Kummerċ, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-7 ta' Ottubru, 1997.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Leo Brincat, M.P., Minister of Finance and Commerce, and read the First time at the Sitting of the 7th October, 1997.

**AN ACT to amend the Local and other Loans Act, 1997.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk of the House of Representatives*

## ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1997 biex jemenda l-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor, u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1997 dwar Self Lokali u Self ieħor, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Att VI ta' l-1997.

**2.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali minflok "mitt miljun lira Maltija" għandhom jidħlu l-kliem "mija u ħamsa u sebgħin miljun lira Maltija". Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, minnufih fi tmiem il-paragrafu (b) tiegħu għandu jidħol dan il-paragrafu (c) ġdid li ġej:– Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(c) "somma ta' mhux iżjed minn ħamsa u sebgħin miljun lira Maltija sabiex tagħmel tajjeb għal parti mid-*deficit* fil-Fond Konsolidat li hu mistenni fin-nefqa għas-sena 1997".

---

### Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' l-Abbozz hu sabiex jawtorizza lill-Gvern li jissellef somom addizzjonali f'Malta sa ammont ta' ħamsa u sebgħin miljun lira Maltija.

## A BILL
## entitled

*AN ACT to amend the Local and other Loans Act, 1997*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:—

Short title. Act VI of 1997

**1.** This Act may be cited as the Local and other Loans (Amendment) Act, 1997, and shall be read and construed as one with the Local and other Loans Act 1997, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 2 of the principal Act.

**2.** In subsection (1) of section 2 of the principal Act, for the words "one hundred million Maltese liri" these shall be substituted the words "one hundred and seventy-five million Maltese liri".

Amendment of section 3 of the principal Act.

**3.** In subsection (1) of section 3 of the principal Act, immediately at the end of paragraph (b) thereof, there shall be inserted the following new paragraph (c):–

(c) "a sum not exceeding seventy five million Maltese liri to make good part of the deficit expected to be incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1997".

---

## Objects and Reasons

The object of the Bill is to authorise the Government to raise locally additional loans up to a sum of seventy-five million Maltese liri.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 6c — *Price 6c*